



KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Gwida dwar oqfsa ta' investiment kollaborattivi għal proġetti tal-enerġija lil hinn mill-kosta

(C/2024/4277)

Werrej

	<i>Paġna</i>
I. INTRODUZZJONI	2
I.a. Il-politika tal-UE u r-Regolament TEN-E	2
I.b. Għaliex huma meħtieġa oqfsa ta' investiment kollaborattivi	2
I.c. Ambitu ta' din il-gwida	3
II. EŻERĊIZZJI TAL-KOSTIJET-BENEFIĊĊJI TAL-BAĊIR TAL-BAĦAR	4
II.a. Analiżi tal-kostijiet-benefiċċji tal-baċir tal-baħar bħala l-bażi għall-kondiviżjoni tal-kostijiet	4
i. Xenarji u analiżijiet tas-sensittività	5
ii. Xenarju kontrofattwali	5
iii. Grilja ta' referenza	6
iv. Konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti	6
v. Rinforzi fuq l-art	6
vi. L-immudellar tal-kostijiet u tal-benefiċċji	6
vii. Granularitajiet ta' żmien u ġeografiċi	7
viii. Riżultati tas-SB-CBA	7
II.b. Kondiviżjoni transfruntiera mhux vinkolanti tal-kostijiet tal-baċiri tal-baħar	7
i. Kostijiet li għandhom jiġu inklużi fis-SB-CBCS	7
ii. Limitu tas-sinifikat għall-benefiċjarji pożittivi netti	8
iii. Riżultati tas-SB-CBCS	8
III. RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL VALUTAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PROĠETT	8
III.a. Analiżi kost-benefiċċji speċifika għall-proġett	8
i. Il-proċess tal-istabbiliment ta' PS-CBA	8
ii. Xenarji u analiżijiet tas-sensittività għall-PS-CBAs	9
iii. Xenarji kontrofattwali għall-PS-CBAs	9
iv. Konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti	10
III.b. Allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet speċifiċi għall-proġett	10
i. Sinifikanza tal-livell limitu għall-benefiċjarji pożittivi netti	10
ii. Kontribuzzjonijiet minn Stati Membri mhux ospitanti	10
III.c. Strumenti oħra lil hinn mill-PS-CBCAs	11
i. Għodod li jiffaċilitaw l-użu sħiħ tal-għodda PS-CBCA għall-proġetti ta' trażmissjoni	11
ii. Għodod li jkopru diskrepanza fil-finanzjament persistenti	12

I. INTRODUZZJONI

I.a. Il-politika tal-UE u r-Regolament TEN-E

L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija u l-għaqda tal-forzi biex tinkiseb sistema tal-enerġija aktar reżiljenti huma l-bażi tal-Pjan REPowerEU tal-Kummissjoni biex titnaqqas malajr id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili Russi⁽¹⁾. B'konsistenza sħiħa, l-UE rrevediet id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli⁽²⁾ u żiedet il-mira ġenerali tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għal mill-inqas 42.5 % sal-2030. L-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta se jkollha rwol ewlieni fl-appoġġ ta' tali objettivi. Din se tikkontribwixxi bil-kbir biex jinkisbu l-miri tal-UE għall-enerġija rinnovabbli, hija lesta biex issir pilastru ewlieni tat-taħlita futura tal-elettriku tagħha u hija meħtieġa biex nimxu lejn sistema tal-enerġija kompletament dekarbonizzata sal-2040⁽³⁾. L-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta se żżid ukoll il-ġenerazzjoni tal-enerġija domestika tal-UE, u b'hekk tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili. Din se twassal għal prezzijiet kompetittivi tal-elettriku, kif diġà ntweru mir-riżultati reċenti tal-irkant, tappoġġja l-kompetittività industrijali tal-Ewropa u tikkontribwixxi għal prezzijiet affordabbli għall-konsumaturi. B'katina tal-provvista fil-biċċa l-kbira domestika bħalissa u d-domanda dejjem tikber, din se toħloq opportunitajiet ġodda biex jinħolqu impjegi ta' kwalità għolja u jiġu indirizzati l-isfidi lokali tal-qgħad fl-UE.

L-ewwel riżultat tar-Regolament TEN-E (UE) 2022/869 tlesta fl-2023, meta l-Istati Membri qablu reġjonalment dwar għanijiet kumulattivi lil hinn mill-kosta ta' madwar 111 GW sal-2030 u 317 GW sal-2050⁽⁴⁾, żieda sinifikanti mill-kapaċità installata ta' 19.38 GW fl-UE sal-istess sena — 2023. Il-benefiċċji tal-kapaċitajiet enormi ta' ġenerazzjoni li għandhom jiġu installati x'aktarx li jestendu lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li jospitaw il-proġetti fiżikament. Għalhekk, se jkunu meħtieġa proġetti transfruntiera ġodda, b'mod partikolari interkonnetturi ibridi — linji ta' trażmissjoni li jgħaqqdu l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u l-interkonnessjoni tal-Istati Membri. Din kienet waħda mill-konklużjonijiet tal-ewwel edizzjoni tal-Pjanijiet għall-Iżvilupp tan-Network lil hinn mill-Kosta (ONDPs) żviluppatti u ppubblikati mill-ENTSO-E għal kull wieħed mill-ħames baċiri tal-baħar tal-UE f'Janjar 2024, it-tieni riżultat tat-TEN-E li jibni fuq il-ftehimiet reġjonali tal-Istati Membri. Proġetti infrastrutturali speċifiċi konsistenti mal-ħtiġijiet identifikati fl-ONDPs jistgħu mbagħad jiġu kkunsidrati fi ħdan il-Pjanijiet ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Network (TYNDP) u riflessi fil-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima (NECPs). It-tielet rekwiżit konsekuttiv tat-TEN-E huwa li l-Kummissjoni tiżviluppa gwida dwar l-analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji u l-kondiviżjoni transfruntiera tal-kostijiet għall-iżvilupp tal-ONDPs għal kull baċir tal-baħar, indirizzata minn dan id-dokument. Fl-aħħar nett, it-TEN-E jippreskrivi lill-ENTSO-E biex jippreżenta r-riżultati tal-applikazzjoni ta' din il-gwida għall-ewwel darba sal-24 ta' Ġunju 2025. Il-ftehimiet reġjonali, l-ONDPs u r-riżultati tal-applikazzjoni tal-gwida għall-kondiviżjoni tal-kostijiet għandhom jiġu aġġornati sussegwentement kull sentejn. F'ċerti oqsma indirizzati f'din il-gwida għall-kondiviżjoni tal-kostijiet, l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji tagħha tista' teħtieġ evoluzzjoni tal-ONDPs. L-ewwel verżjoni tal-eżerċizzju ta' applikazzjoni għall-kondiviżjoni tal-kostijiet li għandu jitwettaq mill-ENTSO-E tista' għalhekk teħtieġ ċerti simplifikazzjonijiet.

I.b. Għaliex huma meħtieġa oqfsa ta' investment kollaborattivi

Il-ħtieġa għall-kondiviżjoni transfruntiera tal-kostijiet għall-iżvilupp tal-ONDPs tirriżulta minn diversi **partikolaritajiet speċifiċi għall-proġetti lil hinn mill-kosta**, li jeħtieġu attenzjoni partikolari.

L-ewwel, dawn jeħtieġu livell sinifikanti ta' involviment mill-Istati Membri biex jimplementaw proġett fl-isparju tal-baħar tagħhom minħabba d-daqs tagħhom, il-preżenza ta' attivitajiet oħra fuq il-baħar u l-impatti transfruntiera possibbli. L-Istati Membri jinvolvu ruħhom fl-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta billi jiżviluppaw studji preliminari dwar il-wiċċ ta' qiegħ il-baħar u l-ambjent tal-baħar, il-valutazzjonijiet ambjentali strateġiċi, il-pjanijiet spazjali marittimi billi jagħżlu żoni xierqa, l-irkanti tal-enerġija rinnovabbli, il-lokazzjonijiet ta' qiegħ il-baħar u jistabbilixxu miri politiċi għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Peress li l-azzjonijiet minn Stat Membru wieħed jista' jkollhom impatt fuq il-ġirien tiegħu, il-kooperazzjoni intergovernattiva hija essenzjali. Dan jitlob kollaborazzjoni reġjonali b'saħħitha bejn l-Istati Membri fil-passi differenti tal-varar ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, inkluż dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji.

It-tieni, il-ftehimiet reġjonali tal-Istati Membri lejn madwar 317 GW sal-2050 huma ambizzjużi, realistiki u meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija Ewropew sal-2040. Dawn jinkludu diżaggregazzjonijiet għal kull Stat Membru li juru kif jistgħu jintlaħqu l-għanijiet ikkombinati. Madankollu, **parti minn tali diżaggregazzjonijiet nazzjonali tal-għanijiet reġjonali tista' ma titwettaqx jekk il-kundizzjonijiet abilitanti ma jiġux ipprovduti.** Dawn huma stabbiliti billi jiġi żgurat li l-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta appoġġat minn għanijiet politiċi jkun jista' effettivament jilħaq id-domanda fir-reġjun, domestikament (il-provvista tal-elettriku għad-domanda tradizzjonali, elettrifikata u ġdida), transfruntiera (il-kummerċ tal-elettriku permezz tal-ibridi u permezz ta' interkonnetturi fuq l-art) u fil-konverżjoni għal trasportaturi oħra tal-enerġija (power-to-X, bħall-idroġenu u l-ammonijaka, għall-użu domestik u jew għall-esportazzjoni).

⁽¹⁾ https://energy.ec.europa.eu/topics/markets-and-consumers/actions-and-measures-energy-prices/repowereu-2-years_en?prefLang=mt

⁽²⁾ Id-Direttiva (UE) 2023/2413.

⁽³⁾ COM(2024) 63 final.

⁽⁴⁾ https://energy.ec.europa.eu/news/member-states-agree-new-ambition-expanding-offshore-renewable-energy-2023-01-19_en?prefLang=mt

Il-koordinazzjoni adegwata tal-ippjanar reġjonali u tal-UE jenħtieġ li tindirizza xi wħud minn dawn l-oqsma, b'mod partikolari permezz ta' evoluzzjonijiet futuri tal-ONDPs. Madankollu, xi wħud mill-kundizzjonijiet abilitanti jiddependu ħafna fuq l-istrategġiji u l-politiki nazzjonali u lokali, bħal dawk industrijali (eż. id-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija), diġitali (eż. ċentri tad-*data*) u għall-enerġija (eż. interkonnetturi u idroġenu). Mingħajr dawn il-kunsiderazzjonijiet xprunati mid-domanda, l-użu tal-għanijiet reġjonali lil hinn mill-kosta jista' tabilħaqq ma jitwettaqx: meta l-ġenerazzjoni ma tistax tilħaq id-domanda b'mod effettiv, il-benefiċċji għal Stat Membru li jkun lest li jospita aktar proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jistgħu eventwalment jaqgħu taħt il-kostijiet tal-varar. Fl-istess ħin, l-isfruttament sħiħ tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli indigjeni lil hinn mill-kosta tal-Ewropa huwa kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa u tar-reġjuni tagħha. Dan jitlob li jintlaħaq fehim komuni bejn l-Istati Membri ta' kull reġjun rigward l-implikazzjonijiet tal-iżvilupp tal-ambizzjonijiet reġjonali lil hinn mill-kosta tagħhom, kif ukoll ir-riskji u l-implikazzjonijiet li ma tintlaħaqx parti minn dawn, u kwalunkwe kost assoċjat u benefiċċji mitlufa.

It-tielet partikolarità rilevanti hija l-**aċċessibilità għan-network tal-elettriku**. Il-konnessjoni tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta ġeneralment tkun teħtieġ investiment sostanzjali f'żoni ġodda fil-grilji tal-elettriku peress li, għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni fuq l-art, il-grilji interkonnessi lil hinn mill-kosta għadhom ma jeżistux. Hawnhekk, il-proġetti ibridi se jkollhom rwol fundamentali peress li jippermettu l-użu ta' aktar kapaċitajiet tal-enerġija rinnovabbli, iżidu s-sigurtà reġjonali tal-provvista u jżommu l-prezzijiet taħt kontroll. Barra minn hekk, interkonnettur ibridu jista' jżid l-użu tal-assi tat-trażmissjoni — u għalhekk, il-valur tiegħu — meta mqabbel ma' park eoliku konness b'mod radjali (jiġifieri konness permezz ta' linja diretta max-xatt) peress li l-park eoliku jingħata aċċess għal suq addizzjonali u l-ibridu jista' jkompli "jservi" bħala interkonnettur meta jkun hemm riħ ħafif.

Network tal-enerġija ppjanat sew għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta li jagħmel l-aħjar użu mill-ispazju tal-baħar u tal-art u jippromwovi l-interkonnessjoni se jnaqqas ukoll l-impatt ambjentali u jbaxxi l-kostijiet tal-investiment fil-grilja għall-konnessjoni tal-istess ammont ta' kapaċitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Id-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet jenħtieġ għalhekk li jkunu bbażati fuq l-ippjanar u l-analiżijiet tal-kostijiet u l-benefiċċji li jikkwantifikaw b'mod xieraq il-valur tal-ibridi u r-rwol doppju tagħhom bħala linja ta' konnessjoni li tippermetti l-integrazzjoni ta' sorsi ġodda ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, kif ukoll interkonnettur.

Minħabba l-kumplessità tal-proġetti tal-enerġija lil hinn mill-kosta, l-indirizzar ta' dawn it-tliet partikolaritajiet b'mod f'waqtu jirrikjedi **kooperazzjoni aktar b'saħħitha** fil-livell reġjonali, it-twaqqif ta' **proġetti transfruntiera ġodda u sistema ġusta ta' distribuzzjoni tal-kostijiet tal-investiment li jirriflettu d-distribuzzjoni tal-benefiċċji**. Għalhekk hemm bżonn ta' oqfsa ta' investiment kollaborattivi li jippermettu lill-Istati Membri jilhq u għanijiet ikkombinati tagħhom, filwaqt li jiżguraw l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet abilitanti meħtieġa.

l.c. **Ambitu ta' din il-gwida**

It-tweitiq tal-benefiċċji enormi li l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta se ġġib magħha jeħtieġ li tiġi indirizzata l-**isfida** li jintlaħaq kunsens dwar id-**distribuzzjoni ekwa tal-kostijiet**. Għal proġett transfruntier, dan tipikament jintlaħaq qbil dwaru permezz ta' negozjati bilaterali. Il-ftehim eventwali biex jiġu allokati l-kostijiet għal proġetti lil hinn mill-kosta jenħtieġ li tabilħaqq jibqa' speċifiku għall-proġett, fejn tkun disponibbli informazzjoni dettaljata. Madankollu, l-użu ta' aktar minn 300 GW fl-għoxrin sena u nofs li ġejjin, kif l-Istati Membri jstinkaw għalihom, jirrikjedi li jiġi kkomplementat l-approċċ speċifiku għall-proġett minn isfel għal fuq b'valutazzjonijiet ta' livell għoli għal kull baċir tal-baħar biex tiġi appoġġata t-tneġġija f'waqtha tad-diskussjonijiet, jiġu identifikati u involuti l-partijiet rilevanti u jiġu mifhuma l-implikazzjonijiet tal-kostijiet tat-tweitiq tal-pjanijiet reġjonali.

L-**oqfsa ta' investiment kollaborattivi** għal proġetti lil hinn mill-kosta ta' rilevanza transfruntiera **huma meħtieġa biex jiġi żgurat li l-ambizzjonijiet reġjonali ma jiġux kompromessi**. Il-gwida preżenti tfittex li tgħin lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet regolatorji biex jinvolvu ruħhom fi djalogi dwar il-prinċipji ta' kollaborazzjoni mill-bidu nett tal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tan-network, l-aċċellerazzjoni tal-emerġenza ta' proġetti transfruntiera ġodda u t-trawwim tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet politiċi. L-informazzjoni reġjonali bikrija bbażata fuq prinċipji komuni se tappoġġa lill-Istati Membri biex jaqblu li jesploraw u jinvestu fi proġetti tal-enerġija transfruntiera lil hinn mill-kosta, jiġifieri interkonnetturi ibridi u proġetti tal-enerġija rinnovabbli konġunti lil hinn mill-kosta.

Il-gwida preżenti tistabbilixxi qafas għall-eżerċizzji l-ġodda tal-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji tal-baċir tal-baħar (SB-CBA) u l-kondiviżjoni transfruntiera tal-kostijiet (SB-CBCS) li jivvalutaw l-implikazzjonijiet tal-iżvilupp ta' ONDP. Huma jibnu fuq l-ONDPs u se jikkomplementawhom fil-futur, filwaqt li maż-żmien jevolvu biex jirriflettaw l-evoluzzjonijiet futuri tal-ippjanar, inklużi l-integrazzjoni ta' vetturi trasversali bis-sistemi tal-idroġenu, it-titjib tar-rikonoxximent tal-benefiċċji tal-ibridi, il-ħtiġijiet tar-rinfurzar tal-grilja fuq l-art u kwalunkwe bidla rilevanti futura oħra. Filwaqt li din il-gwida fiha l-prinċipji li jistgħu jkunu applikabbli fil-biċċa l-kbira għall-iżviluppi tal-ONDP, tista' tiġi aġġornata f'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament TEN-E jekk jitqies meħtieġ. Minbarra li jappoġġaw id-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet, mill-2026, is-SB-CBA u s-SB-CBCS se jappoġġaw lill-Istati Membri fir-reviżjonijiet futuri tal-għanijiet reġjonali tagħhom tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Huwa importanti li jiġi enfasizzat ukoll li s-SB-CBCS ma għandux implikazzjonijiet vinkolanti fuq deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet (PS-CBCA) speċifiċi għall-proġett, li jibqgħu l-għodda primarja għat-twettiq tan-negozjati attwali dwar il-kondiviżjoni tal-investment għal Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs) u Proġetti ta' Interess Reċiproku (PMIs) kif ukoll għal proġetti konġunti għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Il-gwida tħares ukoll lejn il-partikolaritajiet tal-analiżi tal-kostijiet imqabbla mal-benefiċċji speċifiċi għall-proġett u l-approċċi tal-qsim tal-kostijiet. Hija tippovdi rakkomandazzjonijiet, li jissupplimentaw il-Gwida tal-Kummissjoni dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli transfruntiera ⁽⁵⁾ u r-Rakkomandazzjonijiet tal-ACER dwar prattiki tajbin għat-trattament tat-talbiet ta' investment (inklużi s-CBCAs) għall-PCIs ⁽⁶⁾. F'konformità mal-Artikolu 16(11) tat-TEN-E, l-ACER jenħtieġ li tiżgura li l-prinċipji indikati fil-gwida preżenti tal-Kummissjoni jitqiesu b'mod konsistenti fi kwalunkwe aġġornament futur tar-Rakkomandazzjonijiet tagħhom. Fl-aħħar nett, il-gwida tesplora għodod ta' investment kollaborattivi potenzjali ġodda għal proġetti tal-enerġija lil hinn mill-kosta ta' rilevanza transfruntiera, kemm għall-assi ta' trażmissjoni u ġenerazzjoni.

II. EŻERĊIZZJI TAL-KOSTIJET-BENEFIĊĊJI TAL-BAĊIR TAL-BAĤAR

L-ENTSO-E huwa meħtieġ li jwettaq valutazzjonijiet tal-kostijiet-benefiċċji u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għal kull wieħed mill-ħames **kurituri prijoritarji tal-grilja lil hinn mill-kosta** tat-TEN-E abbażi ta' ONDPs diġà żviluppata, jiġifieri għal dawk l-Istati Membri li jissottoskrivu għal ambizzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta. Għalhekk, is-SB-CBA u s-SB-CBCS jeħtieġ li jinkludu dawk l-Istati Membri kkonċernati skont kull kuritur prijoritarju tal-grilja lil hinn mill-kosta inkwistjoni, jiġifieri:

- Il-kuritur tal-grilji lil hinn mill-kosta tal-Ibħra tat-Tramuntana (NSOG): BE, DE, DK, FR, IE, LU, NL, SE
- Grilji lil hinn mill-kosta tal-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq Baltiku tal-Enerġija (BEMIP): DE, DK, EE, FI, LV, LT, PL, SE
- Grilji lil hinn mill-kosta tan-Nofsinhar u tal-Punent (SW): EL, ES, FR, IT, MT, PT
- Grilji lil hinn mill-kosta tan-Nofsinhar u tal-Lvant (SE): BG, CY, EL, HR, IT, RO, SI
- Grilji lil hinn mill-kosta tal-Atlantiku: ES, FR, IE, PT

L-ambitu ġeografiku tal-eżerċizzji għalhekk ikopri l-Istati Membri rilevanti tal-baċiri tal-baħar rispettivi. Dment li jkun jeżisti interess, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u jekk debitament ġustifikat, Stati Membri addizzjonali, inklużi dawk mingħajr kosta, jew pajjiżi terzi jistgħu jiġu inklużi fl-eżerċizzji, li jeħtieġ li jiġu vvalutati fuq bażi ta' każ b'każ.

II.a. Analiżi tal-kostijiet-benefiċċji tal-baċir tal-baħar bħala l-bażi għall-kondiviżjoni tal-kostijiet

L-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji tappoġġa lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jifhmu l-eżiti mistennija tat-twettiq ta' pjan jew proġett, u sservi biex tissostanzja d-diskussjonijiet bejn il-partijiet involuti. Is-SB-CBA jirreferi għad-determinazzjoni tal-kostijiet u tal-benefiċċji b'rabta mat-twettiq ta' ONDP, filwaqt li jinforma lill-Istati Membri dwar l-impatt tal-ambizzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta tagħhom.

⁽⁵⁾ Avviż tal-Kummissjoni: Gwida dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet-benefiċċji fil-proġetti ta' kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli — Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

⁽⁶⁾ https://acer.europa.eu/sites/default/files/documents/Recommendations/ACER_Recommendation_02-2023_CBCA.pdf

i. *Xenarji u analiżijiet tas-sensittività*

Kull SB-CBA għandu jitwettaq bl-użu tal-aktar xenarji konġunti reċenti stabbiliti fil-qafas tal-Pjan ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Network (TYNDP) f'konformità mal-Artikolu 12 tat-TEN-E. L-użu tad-diversi xenarji jgħin biex jittieħed kont ta' futuri differenti possibbli, bħal domanda ogħla possibbli xprunata minn aspettattivi differenti, pereżempju, fl-elettromobbiltà jew fiċ-ċentri tad-*data*, jew fid-disponibbiltà tal-flessibbiltà. Ix-xenarji kollha tat-TYNDP jeħtieġ li jqisu l-għanijiet reġjonali tal-Istati Membri għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, filwaqt li x-xenarji differenti jistgħu jikkunsidraw valuri differenti fil-meded indikati fil-ftehimiet.

L-inċertezzi jenħtieġ li jiġu indirizzati primarjament bl-użu tax-xenarji konġunti differenti tat-TYNDP u mhux permezz ta' analiżi tas-sensittività. Iż-żieda fir-robustezza fil-livell tal-pjan, b'kampijiet ta' applikazzjoni ġeografiċi u ta' żmien kbar, se tiġi primarjament mill-introduzzjoni ta' diversi xenarji. Is-sensittivitajiet għall-varjabbli individwali jistgħu jkunu rilevanti fil-livell tal-proġett.

ii. *Xenarju kontrofattwali*

Ix-xenarju kontrofattwali huwa l-alternattiva li miegħu jitqabblu l-benefiċċji u l-kostijiet tat-twettiq tal-ONDP, jiġifieri liema żvilupp realistiku ieħor jista' jseħħ minflok dak ippreżentat fl-ONDP. Dan iservi biex jiddetermina l-valur miżjud li jgħib miegħu t-twettiq tal-ONDP u l-possibbiltajiet għall-kooperazzjoni li jidentifika. Għal kull SB-CBA, ix-xenarju kontrofattwali jenħtieġ li jikkunsidra sa liema punt it-totalità tal-għanijiet reġjonali tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta tista' tiġi implimentata b'mod realistiku mingħajr kooperazzjoni. Pereżempju, xi parks eoliċi konnessi b'mod radjali x'aktarx li jsiru għaljin wisq għal siti lil hinn minn ċerta distanza, u dan jirrikjedi li l-ibridi jagħmluhom kummerċjalment interessanti. F'każijiet bħal dawn, l-alternattiva realistika għal ċertu proġett ibridu tista' ma tkunx radjali, iżda l-ebda proġett. Bl-istess mod, l-interess ta' Stat Membru ospitanti li jirkanta ġenerazzjoni addizzjonali lil hinn mill-kosta jista' jonqos jekk ma jiġux stabbiliti interkonnetturi ġodda fuq l-art li jiżguraw li l-elettriku miżjud jista' jilħaq ċentri tad-domanda kbar. Ix-xenarju kontrofattwali mbagħad jenħtieġ li jassumi tnaqqis parzjali fil-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta li għandhom jiġu implimentati.

Madankollu, id-determinazzjoni ta' tali żvilupp alternattiv realistiku, ix-xenarju kontrofattwali, mhijiex sempliċi. Meta jstabbilixxu l-għanijiet reġjonali lil hinn mill-kosta tagħhom, l-Istati Membri jridu jagħtu attenzjoni bir-reqqa lir-restrizzjonijiet bħall-potenzjal tar-riħ lil hinn mill-kosta disponibbli, l-isparju tal-baħar disponibbli, il-preżenza ta' żoni ambjentalment protetti, l-appoġġ pubbliku, eċċ. L-ONDPs imbagħad jindikaw l-infrastruttura tat-trażmissjoni transfruntiera (u radjali) meħtieġa biex l-ambizzjonijiet tagħhom ikunu jistgħu jimmaterializzaw. Jeħtieġ li x-xenarju kontrofattwali jqis li, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni kif preżunt fl-ONDP, dawn ir-restrizzjonijiet se jkomplu jirrestrinġu l-kapaċità lil hinn mill-kosta li tista' tiġi implimentata. B'mod partikolari, ir-restrizzjonijiet fid-domanda, kemm domestiċi kif ukoll transfruntiera, huma kritiċi biex jiġi kkwantifikat kemm mill-fatti mhuwiex realistiku mingħajr proġetti transfruntiera ġodda. Apparti ċertu livell ta' varar ta' ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta, mingħajr kooperazzjoni, il-valur marġinali ta' parks eoliċi ġodda lil hinn mill-kosta jista' jkun limitat fid-dawl tal-aspettattivi tad-domanda domestika fl-Istat Membru tal-varar kif ukoll tal-opportunitajiet kummerċjali disponibbli bl-użu tal-infrastruttura tal-enerġija transfruntiera diġà eżistenti.

Peress li l-Istati Membri huma responsabbli biex jiddeterminaw l-ambizzjoni, l-għażla tas-sit u l-irkantar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, se jkollhom ukoll rwol ewlieni fil-valutazzjoni tal-konsegwenzi f'termini tal-kisba tal-ambizzjonijiet reġjonali lil hinn mill-kosta fin-nuqqas ta' infrastruttura transfruntiera ġdida kif identifikat fl-ONDP ottimizat. Għalhekk, għax-xenarju kontrofattwali, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu wkoll kontribut dwar l-aspettattivi tagħhom ta' għanijiet lil hinn mill-kosta li jistgħu jintlaħqu taħt kundizzjonijiet ta' esportazzjoni ristretti, filwaqt li jibqgħu ambizzjużi u jistinkaw għal approċċ koerenti f'kull reġjun. Ix-xenarju kontrofattwali jenħtieġ li jassumi proġetti konnessi b'mod radjali sal-livell ġenerazzjonali meqjus bħala realistiku u jieħu suppożizzjoni tal-ebda proġett lil hinn minn tali limitu.

It-twettiq ta' tali eżerċizzju jenħtieġ li jkun ta' valur għoli għall-Istati Membri billi dan jippermetti mhux biss li jiġi żgurat li s-SB-CBA jiġi vvalutat b'xenarju kontrofattwali xieraq, iżda wkoll fil-fehim tad-dipendenza tal-ambizzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta tagħhom dwar kooperazzjoni politika reġjonali produttiva. Barra minn hekk, bħal fil-każ tal-għanijiet reġjonali lil hinn mill-kosta, id-determinazzjoni tal-parti inrealizzabbli ta' dawn l-għanijiet jista' jkollha implikazzjonijiet transfruntiera u għalhekk idealment jenħtieġ li titmexxa reġjonalment abbażi ta' valutazzjonijiet nazzjonali u prinċipji maqbula b'mod komuni. Il-Gruppi ta' Livell Għoli (7) jew il-Gruppi Reġjonali tat-TEN-E jistgħu jservu bħala fora biex jappoġġaw tali proċess. Minħabba l-limiti ta' żmien, se jkunu meħtieġa simplifikazzjonijiet dwar ix-xenarju kontrofattwali għall-ewwel edizzjoni tas-SB-CBA.

(7) https://energy.ec.europa.eu/topics/infrastructure/high-level-groups_en?prefLang=mt

iii. *Grilja ta' referenza*

Il-grilja ta' referenza hija n-network bażi li mistenni jkun fis-seħħ sal-perijodu ta' żmien partikolari li qed jiġi analizzat fis-SB-CBA. Il-kostijiet u l-benefiċċji huma mmudellati għax-xenarji fattwali (ONDP) u kontrofattwali, filwaqt li titqies tali grilja ta' referenza bħala n-network li għalih jiżdiedu jew jitnaqqsu x-xenarji fattwali jew kontrofattwali. Il-grilja ta' referenza użata għas-SB-CBAs kollha jenħtieġ li tikkorrispondi, għal kull perijodu ta' żmien rispettiv, għall-mudell madwar l-UE kollha użat għas-CBAs speċifiċi għall-proġett tat-TYNDP, filwaqt li tiżgura l-konsistenza mal-valutazzjonijiet tas-sistema kollha tat-TYNDP kif ukoll il-kunsiderazzjoni ta' proġetti u ħtiġijiet oħra tal-baċiri tal-baħar.

iv. *Konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti*

Il-konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti jista' jkollha impatt fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji bejn l-Istati Membri. Għall-ħtiġijiet tal-interkonnetturi ibridi identifikati fl-ONDPs, jenħtieġ li tintuża konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti lil hinn mill-kosta fis-SB-CBA għall-ġenerazzjoni konnessa, peress li tirrifletti aħjar il-kundizzjonijiet tan-network fil-proċessi tal-kalkolu u tal-allokkazzjoni tal-kapaċità⁽⁸⁾.

v. *Rinforzi fuq l-art*

It-twertiq tal-ONDPs se jirrikjedi rinforzi sostanzjali tal-grilja fuq l-art, b'kostijiet korrispondenti kif ukoll benefiċċji bħattnaqqis imnaqqas. Is-SB-CBA jenħtieġ li jinkludi valutazzjonijiet ta' rinfurzar fuq l-art għal dawk l-Istati Membri fl-ambitu għal kull baċir tal-baħar. L-identifikazzjoni tar-rinforzi meħtieġa għat-twertiq tal-ONDPs toħloq sfida ta' mmudellar, peress li t-tisħiħ fuq l-art identifikat fl-ONDP jista' jkun meħtieġ ukoll għal ħtieġa oħra ta' sistema fuq l-art. Madankollu, l-esklużjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji mill-ħtiġijiet tat-tisħiħ fuq l-art tagħti perspettiva limitata lill-Istati Membri dwar il-konsegwenzi tal-iżvilupp tal-ONDPs u tista' tkun fattur determinanti biex jiġi kkonfermat l-interess fl-użu tagħhom, peress li din tirrigwarda ċ-ċertezza li l-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fil-fatt se jilħaq id-domanda. F'każ ta' ħtiġijiet li jikkoinċidu għat-tisħiħ tal-grilja fuq l-art bejn il-ħtiġijiet li jirriżultaw mill-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u dawk minn ħtiġijiet oħra relatati mal-kosta, jenħtieġ li titqies biss il-parti tal-ħtiġijiet ta' tisħiħ fuq l-art li tista' tiġi identifikata b'mod ċar bħala meħtieġa biss minħabba l-ħtiġijiet lil hinn mill-kosta. Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat ukoll li użu aktar baxx ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta minħabba inqas kooperazzjoni jwassal għal ħtieġa saħansitra akbar għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq l-art, li bl-istess mod tista' żżid il-ħtiġijiet ta' tisħiħ tal-grilja fuq l-art.

L-ENTSO-E jenħtieġ li jipprovdri informazzjoni trasparenti dwar is-suppożizzjonijiet li saru biex issir distinzjoni bejn il-ħtiġijiet ta' tisħiħ relatati mal-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta. Fejn meħtieġ, l-ENTSO-E jenħtieġ li jfittex gwida mill-Gruppi ta' Livell Għoli jew mill-Gruppi Reġionali tat-TEN-E.

vi. *L-immudellar tal-kostijiet u tal-benefiċċji*

L-impatti vvalutati skont is-SB-CBA jenħtieġ li jinkludu mill-inqas il-benefiċċji tat-TYNDP li ġejjin: il-benesseri soċjoekonomiku, il-varjazzjoni tas-CO₂, l-emissjonijiet ta' gassijiet li mhumiex CO₂ (inklużi s-sustanzi niġġiesa tal-arja), l-adegwatezza tas-sistema u l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Sa fejn ikun possibbli, l-impatti fuq il-bijodiversità u esternalitajiet ambjentali rilevanti oħra (eż. tniġġis ieħor) ukoll jenħtieġ li jiġu vvalutati. Fi ħdan dan tal-aħħar, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta huwa benefiċċju ovvju tal-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trażmissjoni ibrida u radjali lil hinn mill-kosta. Il-linji ta' trażmissjoni ibridi se jippreżentaw ukoll benefiċċji għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fuq l-art, minħabba r-rwol tagħhom bħala interkonnetturi. Barra minn hekk, bil-valutazzjoni tax-xenarju kontrofattwali kif deskritt qabel, il-benefiċċji tal-ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta li kieku ma kinux imwettqa jiġu kkwantifikati.

Il-kostijiet jenħtieġ li jkunu bbażati, meta possibbli, primarjament fuq il-CAPEX. Jenħtieġ li jiġu inklużi biss il-kostijiet tat-trażmissjoni, jiġifieri mhux tal-ġenerazzjoni, li għalihom il-kostijiet tagħha huma xprunati kummerċjalment u skoperti biss permezz ta' offerti speċifiċi għall-proġett, filwaqt li l-benefiċċji rilevanti huma kkunsidrati kif deskritt hawn fuq. Jenħtieġ li L-ENTSO-E ma jistmax l-evoluzzjonijiet attwali u futuri tal-kostijiet tal-investment tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta. L-assi kollha ta' trażmissjoni identifikati fl-ONDP jenħtieġ li jiġu vvalutati fis-SB-CBA. Il-kostijiet tal-OPEX jistgħu jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-kostijiet totali tar-realizzazzjoni tal-ONDPs, iżda ta' spiss ikunu relatati ma' disinj speċifiċi għall-proġett, bħat-telf jew il-manutenzjoni tan-network u jistgħu jkunu diffiċli li jiġu vvalutati b'mod adegwat fil-livell tal-baċiri tal-baħar. L-ibbilanċjar tar-riżervi meħtieġa jista' wkoll jiġi affettwat mill-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, iżda s-SB-CBAs jistgħu ma jkunux adattati għal valutazzjonijiet bħal dawn. F'dak ir-rigward, it-TSOs jistgħu jikkunsidraw li jitolbu liċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Reġionali jwettqu valutazzjonijiet dedikati li jqisu l-ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta fil-kompiti tagħhom dwar id-daqs reġionali u l-akkwist. L-ENTSO-E jenħtieġ li jivvaluta liema OPEX jista' jiġi integrat b'mod robust fis-SB-CBAs. Fil-kooperazzjoni dwar proġett transfruntier konkret, l-Istati Membri jistgħu jkunu jridu jinkludu fis-CBA rispettiv speċifiku għall-proġett kwalunkwe kost rilevanti tal-OPEX lil hinn minn dawk indirizzati mill-ENTSO-E fil-livell tal-baċir tal-baħar.

⁽⁸⁾ SWD(2020) 273 final.

vii. *Granularitajiet ta' żmien u ġeografiċi*

Il-livelli ta' riskju assoċjati mar-realizzazzjoni tal-ONDPs jiżiedu maż-żmien, eż. ir-riżultati tal-ippjanar jistgħu jinbidlu hekk kif iseħħu żviluppi oħra fil-pajjiż, jew jistgħu jiġu identifikati proġetti alternattivi. Tali kumplessitajiet ta' riskju ta' ħin għalhekk isejħu għal distinzjoni temporali. Is-SB-CBA jenħtieġ li jitwettaq għall-2040 u l-2050. Minħabba ż-żmien meħtieġ għall-iżvilupp ta' proġett tal-enerġija lil hinn mill-kosta, u ż-żmien sa meta se jiġu ppubblikati l-ewwel SB-CBAs, jenħtieġ li l-valutazzjonijiet għall-2030 ma jitwettqux peress li ma jipprovdu l-ebda informazzjoni utli lill-Istati Membri.

Ir-riżultati tas-SB-CBA jenħtieġ li jiġu ddeterminati individwalment għal kull Stat Membru kif ukoll b'mod aggregat għal kull baċir tal-baħar. Dan jipprovdi l-għodod għall-Istati Membri f'reġjun biex jidentifikaw il-benefiċjarji netti mill-implimentazzjoni tal-ONDPs u, min-naħa l-oħra, biex jagħtu bidu għal kuncettwalizzazzjonijiet ta' proġetti li jinvolvu lill-Istati Membri lil hinn minn dawk li jospitaw il-proġetti fiżikament. Jippermettilhom ukoll jiddiskutu b'mod konġunt l-implikazzjonijiet kompleti u ta' livell għoli tat-tweġiq ta' ONDP. Aktar tard f'diskussjonijiet speċifiċi għall-proġett, jista' jiġi vvalutat li xi wħud mill-Istati Membri inizjalment ikkunsidrati fir-riżultati tas-SB-CBA fil-fatt ma jibbenefikawx minn proġett inkwistjoni (u x'aktarx jibbenefikaw minn proġetti oħra tal-ONDP). Fl-istess ħin, dawk l-Istati Membri li jibbenefikaw jistgħu jiġu identifikati u inklużi fil-proċess minn kmieni, filwaqt li jimminimizzaw ir-riskji ta' falliment ta' involviment tard fi proċess ta' allokkazzjoni tal-kostijiet speċifiku għall-proġett.

viii. *Riżultati tas-SB-CBA*

It-TSOs u l-ARNs rilevanti, l-ACER u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu involuti b'mod xieraq fl-eżerċizzji tas-SB-CBA tal-ENTSO-E. L-ENTSO-E jenħtieġ li jippreżenta r-riżultati tiegħu lill-kuraturi tas-sistemi ta' priorità lil hinn mill-kosta tat-TEN-E, fil-gruppi reġjonali rispettivi jew, fejn rilevanti, fil-Gruppi ta' Livell Għoli. Ir-riżultati jenħtieġ li jiġu pprovduti f'euro għal xenarju TYNDP tal-aħjar stima, li juri firxiet ta' inċertezza li jirriflettu x-xenarji konġunti l-oħra tat-TYNDP. Is-SB-CBA jenħtieġ li jidentifika l-Istati Membri b'impatt pożittiv nett u b'impatt negattiv nett. Jenħtieġ li jinkludi wkoll sommarju tal-ħtiġijiet infrastrutturali kollha għall-iżvilupp ta' ONDP u, sa fejn ikun possibbli, l-impatt tagħhom fuq ir-riżultati tas-SB-CBA.

Biex jiġu ffaċilitati aktar id-diskussjonijiet reġjonali, l-ARNs ta' reġjun jenħtieġ li jivvalutaw l-eżerċizzju tas-SB-CBA mwettaq mill-ENTSO-E u, fejn rilevanti, jipprovdu appoġġ għar-riżultati tiegħu. Dan jista' jgħin biex jinbnew appoġġ u impenn regolatorji bil-quddiem, filwaqt li jnaqqas il-frizzjoni u l-ħin fi stadji speċifiċi għall-proġett. Barra minn hekk, l-ACER jenħtieġ li tikkunsidra li ttiprovdi opinjoni lis-SB-CBAs kollha.

Meta SB-CBA juri riżultati pożittivi għal ċerti ħtiġijiet ta' infrastruttura transfruntiera, dawn jenħtieġ li jiġu studjati aktar. Bħala tali, l-inklużjoni ta' valutazzjonijiet speċifiċi għall-proġett skont il-pjanijiet ta' investment reġjonali (jiġifieri l-istudji tal-proġetti) jew fit-TYNDP jenħtieġ li tkun mistennija.

II.b. Kondiviżjoni transfruntiera mhux vinkolanti tal-kostijiet tal-baċiri tal-baħar

Is-SB-CBCS jenħtieġ li jipprovdi informazzjoni dwar kunsiderazzjonijiet ta' kondiviżjoni tal-kostijiet, fil-livell reġjonali, abbażi tal-kostijiet u l-benefiċċji tat-tweġiq tal-ONDPs. Ir-riżultat ta' dan l-eżerċizzju huwa informattiv u indikattiv, mingħajr ma jirriżulta f'allokkazzjoni reali tal-kostijiet.

i. *Kostijiet li għandhom jiġu inklużi fis-SB-CBCS*

L-inklużjoni tal-ħtiġijiet kollha tan-network meħtieġa biex jitwettqu l-ambizzjonijiet reġjonali lil hinn mill-kosta fis-SB-CBA tippermetti lill-Istati Membri (u lit-TSOs u lill-katina tal-provvista) jieħdu l-informazzjoni meħtieġa rigward il-ħtiġijiet ta' kooperazzjoni, l-ammonti ta' tagħmir, l-indikazzjonijiet dwar il-benefiċċji mill-iżvilupp ta' proġetti ta' trażmissjoni transfruntiera biex jippermettu potenzjali lil hinn mill-kosta li altrimenti ma jistgħux jinkisbu u informazzjoni oħra rilevanti għal reviżjonijiet possibbli għall-għanijiet reġjonali lil hinn mill-kosta.

Fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-kostijiet, subsett biss tal-ħtiġijiet tal-infrastruttura inkluż f'ONDP u f'SB-CBA jenħtieġ li jkun soġġett għall-eżerċizzju tas-SB-CBCS: dawk b'rilevanza transfruntiera ċara. Għall-ħtiġijiet tal-infrastruttura ibrida, dan jinkludi s-sistema ta' trażmissjoni tal-grilja lil hinn mill-kosta mis-siti tal-ġenerazzjoni rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal żewġ Stati Membri jew aktar. Xi ħtiġijiet tal-infrastruttura tal-konnessjoni radjali jistgħu jkunu rilevanti wkoll għall-kondiviżjoni tal-kostijiet. B'mod partikolari, dan ikun il-każ jekk ikunu parti minn ħtieġa infrastrutturali identifikata minn ONDP bħala maħsuba biex issir ibrida fi stadju aktar tard. Xi rinforzi tal-grilja fuq l-art se jkunu rilevanti wkoll għall-iżvilupp tal-ONDPs u jkollhom rilevanza transfruntiera ċara. Sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja fid-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-kostijiet relatati mal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, fil-prinċipju, dawn jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll fl-eżerċizzju tas-SB-CBCS, sal-punt li tista' tiġi stabbilita metodoloġija xierqa kif deskritt hawn fuq.

Billi jżommu biss fl-ambitu tas-SB-CBCS dawh il-ħtiġijiet tal-infrastruttura li huma rilevanti b'mod ċar għall-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u li għandhom sinifikat transfruntier, l-Istati Membri f'reġjun jistgħu jidentifikaw liema minn dawn huma aktar probabbli li jkunu rilevanti għat-tfassil u wara għan-negozjati dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ta' proġetti transfruntiera konkreti f'perijodu ta' żmien partikolari (2040 jew 2050). Dan se jgħin biex jiġi definit minn kmieni minn qabel l-ambitu tal-gruppi potenzjali ta' proġetti li għandhom jiġu raggruppati u l-involvement f'waqtu tal-ARNs u tat-TSOs.

ii. *Limitu tas-sinifikat għall-benefiċjarji pożittivi netti*

In-negozjati dwar il-proġetti konkreti għandhom implikazzjonijiet diretti fuq l-allokazzjoni tal-kostijiet u għalhekk id-deżinjazzjoni tal-benefiċjarji pożittivi netti għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet speċifiċi għall-proġett teħtieġ li l-użu tal-limiti tas-sinifikat jibqa' prammaturu. Dan jiżgura li l-kontribuzzjonijiet immudellati minn Stati Membri mhux ospitanti li għandhom daqs żgħir ma jżidux b'mod sinifikanti n-negozjar u l-kostijiet amministrattivi għal proġett individwali, jiġifieri ma jżidux b'mod eċċessiv l-għadd ta' partijiet involuti.

Fil-livell tal-pjan, li huwa kunċettwali mingħajr implikazzjonijiet vinkolanti fuq il-kostijiet, dawn l-argumenti ma japplikawx billi jista' jkun hemm kostijiet ta' opportunità jekk ma jiġux identifikati u involuti biżżejjed minn qabel il-partijiet benefiċjarji b'impatti pożittivi netti relattivament iżgħar. Barra minn hekk, fil-livell tal-pjan, kwalunkwe limitu żgħir jista' jwassal għal diskrepanza sostantiva f'termini tal-ammont totali tal-kostijiet koperti, bil-ħtiġijiet tal-infrastruttura għal Stat Membru wieħed fuq għaxar snin sħaħ potenzjalment ikopru għadd kbir ta' proġetti u kostijiet ta' investment. Għalhekk, għas-SB-CBCS, jenħtieġ li ma jintuża l-ebda limitu minimu ta' sinifikat tal-impatti pożittivi netti.

iii. *Riżultati tas-SB-CBCS*

It-TSOs u l-ARN rilevanti, l-ACER u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkunu involuti b'mod xieraq fl-eżerċizzji dwar is-SB-CBCS tal-ENTSO-E, li minnhom l-ENTSO-E jenħtieġ li jippreżenta r-riżultati tiegħu lill-kuriturari prijoritarji tal-grilja lil hinn mill-kosta tat-TEN-E. L-ENTSO-E jenħtieġ li jirrapporta l-applikazzjoni għall-kondiviżjoni tal-kostijiet għal kull Stat Membru għal kull baċir tal-baħar, maqsuma għal kull għaxar snin (2040 u 2050), f'euro, abbażi ta' distribuzzjoni proporzjonali għas-sehem tal-benefiċċji. Is-SB-CBCS jenħtieġ li jinkludi wkoll sommarju tal-ħtiġijiet infrastrutturali kollha rilevanti għall-kondiviżjoni tal-kostijiet regionali u, sa fejn ikun possibbli, l-impatt tagħhom fuq ir-riżultati tas-SB-CBCS.

III. RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL VALUTAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦALL-PROĠETT

III.a. **Analiżi kost-benefiċċji speċifika għall-proġett**

i. *Il-proċess tal-istabbiliment ta' PS-CBA*

Meta jibdew id-diskussjonijiet u n-negozjati dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet dwar proġetti konkreti ta' trażmissjoni transfruntiera lil hinn mill-kosta, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (ARN) jiddependu fuq analiżijiet kost-benefiċċji speċifiċi għall-proġett (PS-CBA). Dan jista' jkun il-każ ukoll meta l-Istati Membri jiddiskutu proġetti konġunti transfruntiera tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, potenzjalment biex jinneogzjaw it-trasferimenti statistiċi jew l-istabbiliment ta' skema ta' appoġġ konġunt biex ikopru diskrepanza fl-investment. Fi kwalunkwe każ, l-ARN u/jew l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddelegaw il-kalkoli tal-immudellar lit-TSOs.

Ir-riskji ta' falliment fin-negozjati għal proġetti transfruntiera jistgħu jkunu limitati meta l-proċess jiġi miftiehem minn qabel mill-partijiet rilevanti. Pereżempju, **approċċ ikkoordinat għall-assi ta' trażmissjoni transfruntiera** jista' jintuża biex:

1. Jiġi stabbilit memorandum ta' qbil (MtQ), jew kunċett simili, bejn l-Istati Membri rilevanti
2. Jiġi stabbilit MtQ, jew kunċett simili, bejn it-TSOs rilevanti
3. Għall-qbil konġunt tal-ARN dwar suppożizzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati mit-TSOs
4. Għat-TSOs biex jiżviluppaw b'mod konġunt PS-CBA
5. Għall-ARN biex jivvalidaw ir-riżultati b'mod konġunt jew jitolbu bidliet b'mod konġunt lit-TSOs

Il-qbil konġunt tas-suppożizzjonijiet li għandhom jintużaw f'PS-CBA (eż. kemm u liema xenarji għandhom jiġu kkunsidrati), u t-tweġiq ta' mmudellar konġunt jistgħu fil-biċċa l-kbira jnaqqsu n-nuqqas ta' qbil sussegwenti li jirriżulta mill-użu ta' approċċi u riżultati ta' mmudellar diverġenti. Jenħtieġ li jiġi nnutat li l-Istati Membri jistgħu jkunu involuti wkoll fil-proċess għall-assi tat-trażmissjoni, skont il-prattiki nazzjonali, eż. fil-validazzjoni tas-suppożizzjonijiet jew tar-riżultati (pereżempju, meta xi Stati Membri japprovaw pjanijiet ta' investment nazzjonali għat-TSOs fit-territorji tagħhom). Il-proċedura kkoordinata proposta tal-PS-CBA jenħtieġ li sservi bħala qafas ta' gwida, filwaqt li l-flessibilità għandha tiġi pprovdata kif meħtieġ. Pereżempju, grupp ta' Stati Membri jista' jqis li t-tweġiq ta' MtQ jista' jtawwal minflok ma jqassar iż-żmien meħtieġ għan-negozjar u għalhekk jikkunsidrahom mhux meħtieġa jew jista' jiddeċiedi li xi passi jenħtieġ li jiġu segwiti b'mod parallel.

Għall-**proġetti ta' ġenerazzjoni transfruntiera lil hinn mill-kosta**, l-Istati Membri rilevanti jistgħu jwettqu l-PS-CBA b'mod konġunt. L-ewwel nett, jenħtieġ li huma jiddeċiedu, l-approċċ għall-iżvilupp tal-kalkoli tal-immudellar konġunti (eż. direttament waħedhom, jiddelegaw lill-aġenziji tal-enerġija rispettivi tagħhom, jiddelegaw lit-TSOs rilevanti jew billi jagħmlu sejħiet għall-offerti dwar servizzi ta' konsulenza). Imbagħad, huma jenħtieġ li jiddeċiedu b'mod konġunt dwar is-suppożizzjonijiet li għandhom jintużaw (eż. xenarji u l-inklużjoni possibbli tat-tishiġ tal-grilja fuq l-art fil-valutazzjoni) u jiżviluppaw b'mod konġunt il-PS-CBA kif miftiehem qabel.

Meta proġetti transfruntiera lil hinn mill-kosta kumplessi jistgħu jintegraw **kemm proġett ta' interkonnettur ibridu kif ukoll proġett konġunt tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta**, l-Istati Membri rilevanti u l-ARNs jenħtieġ li jiżguraw konsistenza fil-PS-CBAs rispettivi għaż-żewġ proġetti. Jenħtieġ li huma jiżguraw, minn naħa waħda, li s-suppożizzjonijiet taż-żewġ proġetti huma konsistenti u jevitaw l-għadd doppju tal-kostijiet u l-benefiċċji. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jimminimizzaw ir-riskji fid-dewmien, b'mod partikolari meta l-proġetti rispettivi jkollhom żminijiet differenti ta' deċiżjoni dwar l-investiment. Pereżempju, l-allokazzjoni finali tal-kostijiet għall-assi tat-trażmissjoni jista' jkollha bżonn tiġi deċiżja aktar kmieni meta l-ikkummissjonar tagħha tiegħu sostanzjalment aktar żmien milli għall-park eoliku lil hinn mill-kosta. Huma jistgħu jiddeċiedu wkoll li jintegraw iż-żewġ valutazzjonijiet tal-proġetti f'valutazzjoni olistika waħda. Madankollu, approċċ bħal dan jenħtieġ li dejjem jippermetti d-distinzjoni bejn, minn naħa waħda, ir-riżultati speċifiċi għall-infrastruttura għall-kunsiderazzjoni tal-ARN fid-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet tagħhom u, min-naħa l-oħra, tal-informazzjoni speċifika għall-ġenerazzjoni rilevanti għall-arranġamenti tal-kondiviżjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-Istati Membri għad-distribuzzjoni tal-istatistika tal-enerġija rinnovabbli u tal-kostijiet ta' appoġġ.

Il-**gżejjer tal-enerġija** huma tip ta' proġett kumpless ieħor li jirrikjedi investiment sostanzjali li jista' jkollu tfassil ta' proġetti diverġenti ħafna, strutturi ta' sjieda u mekkaniżmi ta' finanzjament. Għaldaqstant, il-proċess u l-analiżi għal gżira tal-enerġija jenħtieġ li jiġu studjati fuq bażi ta' każ b'każ, b'kont meħud tal-karatteristiċi tagħha.

ii. *Xenarji u analiżijiet tas-sensittività għall-PS-CBAs*

F'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament TEN-E, ix-**xenarji** li jenħtieġ li jintużaw fl-analiżijiet tal-proġetti għandhom tal-anqas jikkunsidraw ix-xenarji konġunti tat-TYNDP. L-introduzzjoni ta' xenarji ulterjuri tista' żżid ir-robustezza billi tqis futuri possibbli differenti, iżda turriskja wkoll li tikkoinċidi max-xenarji tat-TYNDP, testendi l-ħinijiet tal-immudellar u potenzjalment il-kostijiet tan-negozjar. It-TEN-E jipprevedi qafas għall-iżvilupp ta' xenarji konġunti tat-TYNDP li jiżgura livell għoli ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati u skrutinju. Għalhekk jenħtieġ li l-partijiet nazzjonali jipparteċipaw b'mod attiv sabiex il-kwalità u l-fiducia fix-xenarji jkunu għoljin, filwaqt li jimminimizzaw il-ħtieġa għal xenarji addizzjonali (u xi drabi kontroproduktiv), li jieħdu ħafna ħin.

Minflok xenarji addizzjonali, l-**analiżijiet tas-sensittività** dwar ix-xenarji tat-TYNDP jistgħu jkunu għodod effettivi biex ikomplu jżidu r-robustezza tal-valutazzjonijiet tal-proġetti. Dan jista' jseħħ billi jiġi vvalutat kif il-valur tal-proġett jinbidel meta tinbidel suppożizzjoni ewlenija biex jiġi identifikat liema suppożizzjonijiet għandhom l-aktar impatt sinifikanti fuq ir-riżultati tal-PS-CBA. F'każ li jitqiesu meħtieġa xenarji addizzjonali lil hinn minn dawk tat-TYNDP, pereżempju biex tiġi integrata informazzjoni lokali għida li tkun saret disponibbli wara l-iżvilupp tax-xenarji tat-TYNDP, it-TEN-E jirrikjedi li dawn ikunu konsistenti mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni għall-2050 u mal-miri intermedji tal-enerġija u tal-klima, ikunu soġġetti għall-istess livell ta' konsultazzjoni u skrutinju bħal fil-każ tax-xenarji tat-TYNDP u jiġu vvalutati mill-ACER.

iii. *Xenarji kontrofattwali għall-PS-CBAs*

Fl-iżvilupp tax-xenarju kontrofattwali ta' proġett lil hinn mill-kosta, l-Istati Membri u/jew l-ARN, kif rilevanti, jenħtieġ li jivvalutaw u jaqblu dwar x'ikunu l-aktar konsegwenzi probabbli ta' falliment tan-negozjati dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet għall-proġett. Ix-**xenarju kontrofattwali** miftiehem **jenħtieġ li dejjem jirrappreżenta l-aktar alternattiva realistika għall-proġett**. Pereżempju, meta jiġi vvalutat proġett ta' trażmissjoni **ibridu**, żewġ ARN jistgħu tipikament iqisu li l-aktar alternattiva probabbli għall-iżvilupp tal-ibridu tista' tkun linja radjali li tgħaqqad mal-eqreb xatt. Fejn jidher differenzi relativament frekwenti u kbar fil-prezzijiet tal-elettriku bejn iż-żoni tal-offerti tal-pajjiżi, il-kunsiderazzjoni ta' interkonnettur minn punt għal punt tradizzjonali tista' tibqa' alternattiva probabbli.

Bl-istess mod, għal **proġett konġunt dwar il-ġenerazzjoni** tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta konness permezz tal-ibridu, jistgħu jkunu xierqa kontrofattwali differenti. Għal proġetti ta' ġenerazzjoni kbar ħafna (eż. dawk assoċjati ma' gżira tal-enerġija) jew għal proġetti li jistgħu jitwettqu biss jekk tiġi stabbilita kapaċità għida ta' interkonnettur (ara wkoll "kontrofattwali" għas-SB-CBAs), l-alternattivi raġonevoli jistgħu jkunu l-kunsiderazzjoni ta' park eoliku lil hinn mill-kosta iżgħar konness b'mod radjali, jew saħansitra l-ebda park eoliku lil hinn mill-kosta jekk ikun għali wisq jiġi konness b'mod radjali.

iv. *Konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti*

Il-konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti ta' proġett speċifiku jista' jkollha impatt fuq id-distribuzzjoni tal-benefiċċji bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn l-iżviluppaturi tat-trażmissjoni u tal-parks eoliċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu hilitom biex jiddeterminaw il-konfigurazzjoni taż-żona tal-offerti ta' proġett kmieni kemm jista' jkun, biex jikkunsidrawha b'mod adegwat fil-PS-CBAs tal-proġetti ta' trażmissjoni u ġenerazzjoni u biex jagħtu viżibbiltà qabel l-irkantijiet. Għal proġetti li jikkonsistu f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta konnessi permezz ta' interkonnnettur ibridu, jenħtieġ li l-Istati Membri jinvestigaw iż-żoni tal-offerti lil hinn mill-kosta bħala arrangement aktar robust biex il-ġenerazzjoni tiġi integrata bis-sħiħ fis-suq tal-elettriku Ewropew.

III.b. **Allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet speċifiċi għall-proġett**

B'mod komplementari għar-Rakkomandazzjoni tal-ACER dwar it-treatment tat-talbiet ta' investment għall-PCI, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati ċerti partikolaritajiet tal-proġetti ta' trażmissjoni lil hinn mill-kosta. B'mod partikolari, l-ibridi jippreżentaw għadd ta' kumplessitajiet li jistgħu jaffettwaw in-negożjati dwar l-alkazzjoni tal-kostijiet tal-investment. L-interkonnnetturi tradizzjonali minn punt għal punt iservu biex jarbitraw il-prezzijiet bejn il-fruntieri, filwaqt li jottimizzaw is-sistema tal-enerġija ġenerali. Barra minn hekk, l-ibridi jistgħu potenzjalment jintegraw kapaċitajiet ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta sostanzjali ħafna u jibdlu b'mod fundamentali t-taħlitiet tal-enerġija ta' reġjun. Il-benefiċċji huma aktar probabbli milli fil-proġetti ta' interkonnnetturi preċedenti tal-elettriku li jiġu perċepiti mhux biss mill-Istati Membri ospitanti, iżda li jinfirxu lil hinn miż-żoni ġirien.

Biex il-proġetti jibqgħu interessanti, jenħtieġ li jkollhom impatt fuq il-benessri soċjoekonomiċi pożittivi għan-nett ġenerali, u jenħtieġ li l-ebda Stat Membru individwali ma jesperjenza impatt negattiv nett. PS-CBA li juri impatt nett negattiv fuq pajjiż li jospita proġett lil hinn mill-kosta jikkostitwixxi ostaklu potenzjali għall-iżvilupp tiegħu. Allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet speċifika għall-proġett (PS-CBCA) hija strument bi proċess strutturat stabbilit mit-TEN-E li jgħin lill-ARN u lill-Istati Membri jilhqo ftehimiet dwar id-distribuzzjoni tal-kostijiet tal-investment. L-użu tal-PS-CBCAs huwa obligatorju għall-PCIs u l-PMIs fejn jintalbu għotjiet għal xogħlijiet taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), filwaqt li approċċi simili oħra (li ma jsegwux strettament ir-rekwiżiti tat-TEN-E) jistgħu jintużaw f'każijiet oħra. Anke meta mhux obligatorju, minħabba l-ammonti ta' investment importanti u l-kumplessità relattiva ta' proġett ibridu, l-użu ta' sempliċi kjavi għall-kondiviżjoni mhux proporzjonali għall-benefiċċji u l-evitar tal-PS-CBCAs huma Prattiki li x'aktarx isiru ineffettivi. Il-PS-CBCAs mhumiex (biss) rekwiżit għal applikazzjoni possibbli minn PCI/PMI għall-finanzjament tal-FNE għax-xogħlijiet, iżda għodda ta' negożjar importanti bi proċedura ċara u skedi ta' żmien konkreti li jistgħu jiffaċilitaw u jaċċelleraw in-negożjati. Għalhekk jenħtieġ li jitqies bħala wieħed mill-vantaġġi tal-għadd bl-istatus ta' PCI/PMI li jgħin it-twassil f'waqtu ta' infrastruttura transfruntiera.

i. *Sinifikanza tal-livell limitu għall-benefiċjarji pożittivi netti*

Peress li PS-CBCA twassal għal deċiżjoni vinkolanti dwar kif jinqasmu l-kostijiet, id-determinazzjoni tal-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti mill-implimentazzjoni ta' proġett jenħtieġ li tibqa' prammatika, filwaqt li l-investimenti fundamentali ma jitħallewx jiġu skoperti. Bil-benefiċċji aktar probabbli li jinfirxu reġjonalment, tista' tkun meħtieġa sinifikanza ta' livell limitu aktar baxx għall-identifikazzjoni tal-benefiċjarji pożittivi netti tal-ibridi milli għall-interkonnnetturi tradizzjonali. F'dan l-isfond, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat livell limitu ta' inqas minn 10 %.

ii. *Kontribuzzjonijiet minn Stati Membri mhux ospitanti*

Il-kontribuzzjoni minn Stat Membru mhux ospitanti u li huwa benefiċjarju pożittiv nett, tista' tkun meħtieġa għall-bankabbiltà ta' proġett fejn Stat Membru ospitanti jitqies li għandu impatt nett negattiv. B'mod ġenerali, tali Stat Membru benefiċjarju jenħtieġ li jikkontribwixxi finanzjarjament biex jiżgura s-suċċess ta' proġett u li effettivament jikseb il-benefiċċji fit-territorju tagħhom. Fil-prattika, dan jista' jkun ta' sfida. Pereżempju, il-pajjiż mhux ospitanti jista' jkun involut tard wisq fil-proċess, u dan iqajjem mistoqsijiet ġodda dwar il-mudelli mwettqa u r-riżultati tagħhom, jista' jqis il-benefiċċji stmati bħala inċerti wisq jew jista' jikkunsidrah Prattikament diffiċli li jwettaq kontribuzzjoni finanzjarja transfruntiera. Fi kwalunkwe każ, meta pajjiż mhux ospitanti jkun involut fi proġett biss meta jintalab kontribuzzjoni, il-perċezzjoni tiegħu li jkun parti mill-proġett u r-rieda tiegħu li jikkontribwixxi jistgħu t-tnejn ikunu limitati. Is-SB-CBCS jenħtieġ li jgħin biex jittaffa r-riskju ta' involviment f'waqtu.

Barra minn hekk, fin-negozjati dwar l-allokkazzjoni tal-investment għal proġetti transfruntiera, l-ARN rilevanti jenħtieġ li jilhqg ftehimiet dwar il-PS-CBCA u t-talba għall-investment. Meta dawn ifallu, jew fuq talba tagħhom, l-ACER jenħtieġ li tieħu deċiżjoni, filwaqt li tiżgura riżoluzzjoni f'waqtha tal-proċess. Filwaqt li jeżistu każijiet ta' PS-CBCAs li jallokaw il-kontribuzzjonijiet lil parti terza, dawn huma f'it u tipikament għall-infrastruttura tal-gass ⁽⁹⁾.

Il-kontribuzzjonijiet minn Stati Membri mhux ospitanti huma possibbli u, f'każijiet fejn jeżistu benefiċjarji pożittivi netti filwaqt li Stat Membru ospitanti wieħed jew aktar jitqiesu li għandhom impatti netti negattivi, dawn jistgħu jkunu mistennija li jkunu meħtieġa għal proġetti lil hinn mill-kosta futuri. Fl-istess ħin, jenħtieġ li jibqa' ċar li PS-CBCA huwa biss għodda. Sabiex jiġi żgurat eżitu b'suċċess fin-negozjati u jiġu minimizzati l-frizzjonijiet, speċjalment meta l-benefiċċji jmorru lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Istati Membri ospitanti, il-PS-CBCAs jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' approċċi kkoordinati fejn il-prinċipji jiġu miftiehma minn qabel, qabel ma jidħlu f'negozjati konkreti. Is-SB-CBCS u l-esperjenza tal-PS-CBCA preċedenti jistgħu jservu biex jinkisbu prinċipji bħal dawn b'mod reġjonali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati inċentivi kollaborattivi supplimentari biex tiżdied it-tnejn tal-Istati Membri mhux ospitanti għall-parteċipazzjoni fl-investment ta' proġett.

III.c. Strumenti oħra lil hinn mill-PS-CBCAs

Il-kunsiderazzjoni ta' arranġamenti supplimentari u tal-istrumenti għall-PS-CBCAs jenħtieġ li tqis bir-reqqa d-diffikultà Prattika tat-trasferiment tal-kostijiet tal-infrastruttura għal entitajiet regolati f'pajjiżi mhux ospitanti. Fl-istess ħin, jeżistu prattiki ta' kooperazzjoni differenti u ambizzjonijiet lil hinn mill-kosta fir-reġjuni Ewropej differenti. Id-differenzi reġjonali jistgħu għalhekk iwasslu għal ftehimiet differenti dwar kwalunkwe arranġamenti supplimentari għall-kondiviżjoni tal-kostijiet li għandhom jintużaw. Il-Gruppi ta' Livell Għoli jistgħu jkunu pjattaformi utli biex jiddiskutu jekk u liema tip ta' għodod jistgħu jiġu kkunsidrati għal proġetti fir-reġjuni rispettivi tagħhom.

Jistgħu jiġu esplorati aktar żewġ tipi ta' għodod supplimentari: għodod li jiffaċilitaw l-użu sħiħ tal-PS-CBCA u għodod li jkopru diskrepanza finanzjarja persistenti.

i. Għodod li jiffaċilitaw l-użu sħiħ tal-għodda PS-CBCA għall-proġetti ta' trażmissjoni

Kjavi għall-kondiviżjoni tad-distribuzzjoni tal-introjtu mill-konġestjoni

Isir PS-CBCA fiż-żmien meta jintlaħaq qbil dwar id-deċiżjoni finali dwar l-investment għal proġett transfruntier. Matul l-operat tal-assi rispettiv, l-introjtu mill-konġestjoni jiġi ġġenerat u distribwit skont il-metodoloġija miftiehma u l-kjavi tal-kondiviżjoni. Id-distribuzzjoni tal-introjtu mill-konġestjoni tipikament se tirrifletti kjavi tal-kondiviżjoni tal-istandard 50–50 jew kjavi ta' kondiviżjoni speċifiċi oħra li jirriflettu l-livelli tas-sjieda jew tal-investment. L-użu ta' tali kjavi ta' kondiviżjoni speċifiċi bħala għodda ta' negozjar lil hinn mil-livelli ta' sjieda/investment jista', b'mod ġenerali, ma jkunx għodda effettiva ħafna għal proġetti ibridi lil hinn mill-kosta futuri, peress li l-inċertezza dwar il-ġenerazzjoni tal-introjtu mill-konġestjoni tista' tikber, bħal minħabba l-effetti ta' kannibalizzazzjoni bejn proġetti ta' trażmissjoni paralleli. Madankollu, l-ARN rilevanti jistgħu jkunu jridu jaqblu dwar kjavi ta' kondiviżjoni speċifiċi differenti li jirriflettu l-ħtiġijiet tal-proġett (eż. il-kostijiet mistennija tal-OPEX), f'konformità mar-regolamentazzjoni u l-metodoloġija tal-UE.

Raggruppament tal-proġetti

Ir-raggruppament ta' grupp ta' proġetti li huma komplementari għal xulxin u li fihom livelli ta' riskju simili (eż. meta għandhom jiġu kkummissjonati b'mod parallel jew qrib fiż-żmien) jista' jnaqqas b'mod sostanzjali l-kostijiet tat-tranżazzjoni ta' negozjar. Tali raggruppament jista' jiżgura li l-proġetti li huma interkonnessi jiġu vvalutati flimkien, pereżempju għal diversi ibridi fl-istess reġjun, jew għal rinforzi tal-interkonnetturi ibridi u fuq l-art meħtieġa biex l-elettriku ġġenerat barra mix-xatt jilħaq ċertu ċentru tad-domanda. Dan jista' jgħin biex jitnaqqsu l-inċertezzi billi jiġu mmudellati flimkien il-proġetti li jħallu impatt fuq xulxin u billi jiġu stabbiliti ftehimiet li jħarsu lejn stampa usa', li potenzjalment inaqqsu l-ħtieġa għal kwalunkwe tranżazzjoni finanzjarja transfruntiera (eż. minn PS-CBCA) billi jinnettjaw il-kostijiet u l-benefiċċji fil-proġetti kollha u jippermettu kontribuzzjonijiet "in natura" permezz tat-twettiq ta' investimenti paralleli li jkunu ta' benefiċċju għall-partijiet involuti kollha. Minħabba l-ħtieġa li jiġu żviluppati proġetti infrastrutturali sostanzjali b'mod parallel għat-twettiq f'waqta tal-ambizzjonijiet lil hinn mill-kosta tal-Istati Membri, ir-raggruppament tal-proġetti jista' jsir għodda ta' faċilitazzjoni. Is-SB-CBCS jista' jappoġġa fl-identifikazzjoni ta' għażliet ta' raggruppament sensibbli.

⁽⁹⁾ Eż. għall-interkonnettur tal-elettriku LT-PL LitPol Link, l-ACER ikkonkludiet li ma kien meħtieġ l-ebda kumpens minn pajjiżi mhux ospitanti. Għall-interkonnettur tal-gass PL-LT GIPL, l-ACER ikkonkludiet li l-benefiċjarji pożittivi netti (LT, LV, EE) jenħtieġ li jikkumpensaw lil PL, Stat Membru ospitanti meqjus li għandu effett nett negattiv.

Kundizzjonalitajiet ex post

PS-CBCA jista' jkun fih kundizzjonijiet miftiehma minn qabel li taħthom tista' titwettaq ċerta korrezzjoni (eż. bidla fil-koeffiċjent għall-kondiviżjoni tad-distribuzzjoni tal-introjt mill-konġestjoni) jew tranżazzjoni finanzjarja, jiġifieri jekk il-kundizzjonijiet jinbidlu b'mod sostanzjali fir-rigward ta' daww il-valutati fl-istadju tal-allokazzjoni tal-kostijiet. Madankollu, jista' jkun ta' sfida fil-prattika li jiġu implimentati tali kundizzjonijiet mingħajr ma jinħolqu riskji ġodda għall-proġett, għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji ċari minn qabel jekk tintuża din l-għażla.

Ippjanar innovattiv u arranġamenti ta' sjieda

Jistgħu jiġu esplorati approċċi ta' sjieda innovattivi mill-Istati Membri u l-operaturi fir-reġjuni differenti, bħas-sjieda konġunta permezz tal-istabbiliment ta' entitajiet tat-trażmissjoni reġjonali lil hinn mill-kosta responsabbli għall-attivitajiet tal-ippjanar tal-baċiri tal-baħar u l-iżvilupp tal-proġetti ta' grilja transfruntiera lil hinn mill-kosta rilevanti. Minn naħa waħda, tali entitajiet ikunu jehtiegħ sforz inizjali għall-ħolqien tagħhom u definizzjoni ta' arranġamenti għall-qsim tal-kostijiet li jistgħu jwasslu għal investimenti sostanzjali. Min-naħa l-oħra, dawn ikunu ta' benefiċċju fit-terminu medju, inaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet kif ukoll ir-riskji tal-falliment tan-negozjati, bil-partijiet rilevanti li diġà huma sidien tal-entità u għalhekk dejjem ikunu involuti fit-tfassil u fl-iżvilupp ta' proġetti transfruntiera. Is-sjieda konġunta tista' tiġi appoġġata bl-istabbiliment ta' oqfsa ta' bażi tal-assi regolatorji (RAB) reġjonali. Barra minn hekk, tali entitajiet ma jkollhomx għalfejn ikollhom implikazzjonijiet fuq it-tħaddim tas-sistema tan-networks lil hinn mill-kosta, li jistgħu jibqgħu fi ħdan it-TSOs maħtura.

Jistgħu jiġu esplorati wkoll strutturi ta' sjieda alternattivi biex jinċentivaw l-iżvilupp tal-infrastruttura lil hinn mill-kosta. Pereżempju, fpakkett ta' diversi proġetti, il-partijiet rispettivi jistgħu jaqblu dwar *sjieda reċiproka*, li toħloq xiri sfurzat minn pajjiż importatur nett fl-assi tat-trażmissjoni lil hinn mill-kosta, u viċi versa. Dan jista' jgħin biex jiġi inċentivat interess qawwi għall-partijiet rilevanti f'reġjun partikolari biex jiġi żgurat li l-proġetti rilevanti kollha jitwettqu kif ippjanat u li l-benefiċċji jitwettqu kif ivvalutati, filwaqt li jitnaqqsu r-riskji u jinħolqu benefiċċji reċiproċi.

L-ippjanar reġjonali lil hinn mill-kosta (iżda mhux l-iżvilupp) jista' jissaħħaħ ukoll, pereżempju billi ċ-Ċentri ta' Koordinazzjoni Reġjonali rilevanti jintalbu jwettqu kompiti ta' pplanar reġjonali ġodda.

Armonizzazzjoni tal-imposti għall-konnessjoni tan-network għall-ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta

Li jkun hemm approċċi differenti lejn is-sistemi ta' impożizzjoni ta' tariffi għall-konnessjoni mal-grilja (baxxi jew fondi) għal proġetti ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jista' jikkomplika l-proċess tal-offerti għall-iżviluppaturi tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll id-diskussjonijiet tal-PS-CBCA bejn l-Istati Membri u/jew l-ARN. L-allinjament tat-tariffi tal-konnessjoni reġjonali jista' jiġi kkunsidrat għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tar-riflettività tal-kostijiet tal-infrastruttura mġarrba u n-nondiskriminazzjoni fit-tariffi tan-network.

Mudelli reġjonali għan-negozjati

Jistgħu jiġu żviluppati mudelli reġjonali li jservu biex jiddeskrivu l-prinċipji ġenerali li jenhtiegħ li jiġu segwiti fil-bidla minn SB-CBCS għal valutazzjonijiet u negozjati speċifiċi għall-proġett, filwaqt li dawn jenhtiegħ li jibqgħu għodda faċilitattiva u informattiva biex jinbdew id-diskussjonijiet u l-flessibilità fin-negozjati attwali tal-proġetti għandha dejjem tinżamm.

ii. *Għodod li jkopru diskrepanza fil-finanzjament persistenti*

a) *Għall-ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta*

Prodotti ta' trasferiment statistiċi pluriennali bil-quddiem b'allokazzjoni lil hinn mill-kosta

Il-ftehimiet dwar it-trasferimenti statistiċi jistgħu jkun għall-aħħar jew għas-sena kurrenti, għas-sena bil-quddiem jew għas-snin li ġejjin (prodotti futuri). Il-prodotti futuri jistgħu jkun partikolarment interessanti biex jappoġġaw proġetti lil hinn mill-kosta li qed jiġu kkunsidrati bħalissa. L-Istat Membru ospitanti jista' mbagħad jiżgura finanzjament addizzjonali biex iwettaq il-proġett tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta tiegħu, filwaqt li jindirizza d-diskrepanza fil-kostijiet tal-appoġġ strutturali li jifdal, filwaqt li l-Istat Membru xerrej jista' jiżgura trasferimenti statistiċi futuri u jappoġġja l-oġġettivi tal-politika lil hinn mill-kosta. Il-ftehimiet statistiċi jista' jkun fihom ukoll kundizzjonijiet dwar l-użu tal-iskambji finanzjarji tat-trasferiment statistiku, bħall-indikazzjoni li l-ammonti ttrasferiti jehtiegħ li jintużaw għan-networks lil hinn mill-kosta relatati mal-proġett tal-enerġija rinnovabbli. Eżempji ta' Prattiki ta' kundizzjonalità bħal dawn diġà jeżistu fi trasferimenti statistiċi mwettqa.

Appoġġ mill-UE

Il-Mekkaniżmu ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli (REFM) jipprovdi għażla għall-Istati Membri biex jissodisfaw il-punti ta' referenza nazzjonali tagħhom għall-ishma tal-enerġija rinnovabbli permezz ta' kooperazzjoni transfruntiera. Dan jippermetti l-appoġġ għas-sejħiet għall-offerti għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli ġodda fl-UE biex tiġi koperta diskrepanza fit-trajettorja tal-Unjoni rinnovabbli indikattiva jew sempliċiment biex jitħaffef il-varar. Il-pajjiżi kontribwenti jipparteċipaw b'mod volontarju finanzjarjament fil-mekkaniżmu, fejn il-pagament ikun marbut ma' proġetti tal-enerġija rinnovabbli ġodda mibnija fit-territorju tal-Istati Membri ospitanti permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva organizzata mill-Kummissjoni, li tnaqqas il-kostijiet amministrattivi għall-Istati Membri⁽¹⁰⁾ involuti u żżid l-effiċjenza fl-użu u l-aċċettazzjoni mill-pubbliku billi jkollha kontribuzzjonijiet finanzjarji transfruntiera marbuta ma' proġetti ta' enerġija rinnovabbli konkreti. Permezz tal-REFM, huwa possibbli li tiġi speċifikata x-xewqa li jiġi appoġġat tip ta' teknoloġija partikolari (eż. sors ta' enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta) u, filwaqt li ma jeżistux illum, jistgħu jiddaħħlu livelli ta' aggregazzjoni (eż. għall-baċiri tal-baħar differenti). Dment li tiġġedded sistema simili għall-miri tal-2040 u lil hinn, l-REFM jista' jkun partikolarment interessanti għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta li jeħtieġu appoġġ. Il-kapaċitajiet tal-ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta li jinstabu li ma jistgħux jitwettqu mingħajr oqfsa ta' investment kollaborattivi jistgħu jkun kandidati ideali.

Barra minn hekk, sa 15 % tal-baġit totali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) attribwit għall-enerġija jista' jintuża biex jappoġġa proġetti tal-enerġija rinnovabbli transfruntiera, dment li dawn ikunu bbażati fuq ftehim ta' kooperazzjoni f'konformità mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Lil hinn mill-REFM u s-CEF, huma disponibbli strumenti oħra⁽¹¹⁾ li jinkludu, iżda mhumiex limitati għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond għall-Modernizzazzjoni.

b) Għal trażmissjoni lil hinn mill-kosta

Kontijiet ta' tfaddil tal-introjt mill-konġestjoni reġjonali għal investimenti futuri

L-introjt mill-konġestjoni għandu jintuża għall-oġġettivi prijoritarji stabbiliti mir-Regolament (UE) 2019/943 dwar l-Elettriku, li wieħed minnhom huwa l-kopertura tal-investimenti fin-networks li jżidu l-kapaċità transfruntiera. L-introjt mill-konġestjoni ġġenerat permezz tal-iskambji tas-suq huwa relattivament limitat meta mqabbel mal-ħtiġijiet totali tal-investment fl-infrastruttura lil hinn mill-kosta, filwaqt li hekk kif jiġu żviluppati n-networks lil hinn mill-kosta, l-ammonti assoluti ta' dħul mill-konġestjoni reġjonali se jżiedu.

Jenħtieġ li jiġu esplorati approċċi reġjonali għall-akkumulazzjoni ta' sehem mid-dħul iġġenerat mill-konġestjoni f'kontijiet dedikati u l-użu tiegħu biex ikopri sehem fl-investment meħtieġ għal proġetti ġodda li jipprovdu benefiċċji usa' għal reġjun. F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament dwar l-Elettriku, id-dħul mill-introjt mill-konġestjoni jenħtieġ li ma jintużax biex jitnaqqsu t-tariffi tan-network sakemm ma jkunux intlaħqu l-oġġettivi prijoritarji u sakemm id-dħul residwu għandu jitqiegħed flinja ta' kont intern separat sakemm ikun jista' jintuża għal oġġettivi prijoritarji. Għalhekk kont ta' tfaddil reġjonali jista' jappoġġa l-implimentazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet. Dan jista' jkun immirat, pereżempju, biex jindirizza esklużivament l-impatti negattivi netti lill-Istati Membri ospitanti għal proġetti bi status ta' PCI/PMI. *Il-kontijiet tat-tfaddil reġjonali* jindirizzaw id-diskrepanzi fl-investment li huma diffiċli b'mod persistenti biex jimtlew filwaqt li ma jiddependux esklużivament fuq id-disponibbiltà tal-fondi tal-UE jew fondi oħra. Dan ikun jeħtieġ koordinazzjoni mill-qrib fl-ippjanar, id-determinazzjoni tal-kostijiet u l-benefiċċji, u l-arranġamenti għall-kondiviżjoni tal-kostijiet tal-ARN (u t-TSOs) fir-reġjun. Il-kunsiderazzjonijiet dwar il-kontijiet tat-tfaddil reġjonali jistgħu potenzjalment jittieħdu flimkien ma' valutazzjonijiet dwar il-ħtieġa għal ippjanar reġjonali msaħħa u arranġamenti ta' sjieda.

Appoġġ mill-UE

Fl-ewwel ONDPs, l-ENTSO-E jistma⁽¹²⁾ li l-ħtiġijiet ta' investment totali ta' CAPEX biex jiġu konnessi l-kapaċitajiet tal-enerġija rinnovabbli offshore tal-Ewropa għal madwar EUR 400 biljun bejn l-2025 u l-2050⁽¹³⁾, u jippermetti l-forniment ta' 1 600 TWh ta' enerġija nadifa kull sena lill-konsumaturi Ewropej u jagħmel ir-riħ lil hinn mill-kosta t-tielet sors ta' enerġija fis-sistema tal-enerġija Ewropea.

Il-promoturi ta' proġetti transfruntiera ta' infrastruttura lil hinn mill-kosta, u b'mod partikolari dawk bi status ta' PCI/PMI, jenħtieġ li jesploraw mal-Bank Ewropew tal-Investment jekk jistgħux jiġu pprovduti kundizzjonijiet ta' finanzjament kompetittivi għall-proġetti tagħhom⁽¹⁴⁾.

⁽¹⁰⁾ Għalkemm tista' tiffaċċja sfidi prattiċi f'ċerti ġurisdizzjonijiet nazzjonali, fejn attwalment jista' jkun ipprojbit li tiġi ddelegata t-tmxixxa tal-offerti.

⁽¹¹⁾ https://energy.ec.europa.eu/topics/renewable-energy/financing/eu-funding-offshore-renewables_en

⁽¹²⁾ https://eepublicdownloads.blob.core.windows.net/public-cdn-container/tyndp-documents/ONDP2024/web_entso-e_ONDP_PanEU_240226.pdf

⁽¹³⁾ Inklużi n-Norveġja u l-Gran Brittanja, iżda jeskludu r-radjali

⁽¹⁴⁾ https://www.eib.org/attachments/lucalli/20230107_cross_border_infrastructure_projects_en.pdf

Fl-aħħar nett, il-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa* (FNE) tista' twassal għal bidla radikali għal għadd ta' proġetti infrastrutturali lil hinn mill-kosta transfruntiera ambizzjużi bi status ta' PCI/PMI. B'mod partikolari, il-FNE tista' tkun effettiva ħafna biex tikkontribwixxi biex tkopri parti mill-impatti negattivi netti perċepiti minn Stat Membru ospitanti. Il-baġit allokat fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali għall-FNE-E huwa ta' EUR 5.84 biljun għal bejn l-2021 u l-2027, li għalih jistgħu jkunu eliġibbli PCI/PMIs ta' kategoriji differenti ta' infrastruttura inklużi l-grilji tal-elettriku, il-grilji lil hinn mill-kosta, il-grilji tal-elettriku intelliġenti, il-grilji tal-gass intelliġenti, l-infrastruttura tas-CO2 u l-infrastruttura tal-idroġenu, u għalhekk pjuttost zġhir meta mqabbel mal-ħtiġijiet identifikati.
